32000R1784

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1784/2000
tal-11 ta' Awissu 2000
li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju provisorju fuq l-importazzjoni ta' ċertu tubi jew aċċessorji għat-twaħħil ta' kanen tal-ħadid fondut malleabbli li joriġinaw mill-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajlandja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li jifqgħu s-suq minn pajjiżi terzi li mhumiex Membri tal-Komunità Ewropea [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI PROVISORJI

(1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 449/2000 [2], hawnhekk iżjed 'il quddiem ir-"Regolament provisorju"), imponiet dazju provisorju kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' tubi jew aċċessorji għat-twaħħil ta' kanen tal-ħadid fondut malleabbli li joriġinaw mill-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajlandja, filwaqt li l-ebda dazju ma kien impost fuq importazzjoni li toriġina mill-Kroazja u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja għaliex is-sehem tagħhom fis-suq kien ġie misjub provisorjament *de minimis*.

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(2) Wara l-isvelar tal-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li servew bħala bażi għad-deċiżjoni li jiġi impost dazju provisorju kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet mill-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajlandja u li ma jiġux adottati miżuri provisorji fuq importazzjoni li toriġina mill-Kroazja u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, partijiet interessati li għamlu talba ġew mogħtijin l-opportunità li jinstemgħu mill-Kummissjoni. Huma għamlu wkoll sottomissjonijiet bil-miktub fejn taw l-opinjonijiet tagħhom fuq ir-riżultati provisorji.

(3) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għar-riżultati definittivi.

(4) Saru aktar żjajjar għall-verifikazzjoni fuq il-post ta' l-importaturi/kummerċanti li kienu rrispondew għall-kwestjonarju:

— Jannone SA, Spanja,

— Nefit BV, L-Olanda,

— Thisa SA, Spanja.

(5) Il-partijiet kollha kienu informati bil-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata l-intenzjoni li tiġi rakkomandata l-imposizzjoni ta' dazju kontra d-*dumping* definittiv u l-ġbir definittiv ta' ammonti garantiti permezz ta' dazju provisorju. Huma ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-isvelar.

(6) L-argumenti verbali u bil-miktub mogħtijin mill-partijiet ġew ikkunsidrati, u, meta approprjat, ir-riżultati provisorji ġew mibdulin.

C. IL-BIDU TAL-PROĊEDURA

(7) Xi partijiet interessati sostnew il-pretensjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċertu pajjiżi terzi fl-investigazzjoni, jiġifieri l-Bulgarija, l-Polonja, it-Turkija, u l-Istati Uniti ta' l-Amerka fis-sens illi dan in-nuqqas ta' inklużjoni jkun diskriminatorju u għalhekk jinvalida l-bidu tal-proċedura.

(8) Għalhekk, jiġi konfermat li l-ebda proċedura ma setgħet tiġi mibdija fil-konfronti tal-Bulgarija u l-Polonja għaliex l-ebda *dumping* ma kien jeżisti fuq il-bażi ta' evidenza ta' informazzjoni fuq il-valur normali u prezz ta' l-esportazzjoni għall-prodotti Bulgari u Pollakki provduta minn min għamel l-ilment bl-istess mod għall-pajjiżi konċernati bl-investigazzjoni preżenti. Għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' l-Amerka u t-Turkija, l-informazzjoni għad-disposizzjoni indikat livelli ta' importazzjonijiet *de minimis*. Għalhekk din il-pretensjoni m'għandhiex tiġi milqugħha.

D. PRODOTT TAĦT KONSIDERAZZJONI U PRODOTT SIMILI

1. *Prodott taħt konsiderazzjoni*

(9) Ir-Regolament provisorju ddeskriva l-prodott taħt konsiderazzjoni bħala tubu tal-ħadid fondut bil-kamin u malleabbli jew aċċessorji għat-twaħħil ta' kanen ("aċċessorji għat-twaħħil malleabbli" jew "aċċessorji għat-twaħħil"), li jiġu magħqudin ma' xulxin permezz ta' sistema tal-kamin, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7307 19 10. Din id-definizzjoni qegħda tiġi hawnhekk konfermata.

(10) Wara l-isvelar tar-riżultati provisorji, parti interessata argumentat illi, minbarra il-kodiċi NM 7307 19 10, kodiċi NM oħrajn għandhom jaqgħu ukoll fl-ambitu ta' l-investigazzjoni peress illi l-prodott taħt konsiderazzjoni kien impurtat fil-Komunità taħt dawn l-aħħar kodiċi wkoll. Qalet ukoll, illi l-investigazzjoni għandha tiġi estiża għal aċċessorji għat-twaħħil mhux minsuġin, peress li dawn ġew importati fil-Komunità, fejn ġew minsuġin u mibjugħin.

[1] ĠU L 56, tas-06.03.96, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, tat-30.04.98, p. 18).

[2] ĠU L 55, tad-29.02.00, p. 3.

(11) Fil-konfront ta' l-ewwel punt, l-importazzjoni ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli verifikata waqt l-investigazzjoni kienet f'kull każ saret taħt il-kodiċi NM 7307 19 10 li, hekk kif stabbilit fin-Nota ta' Bidu, tidentifika l-prodott taħt konsiderazzjoni. Konsegwentement id-data ta' l-importazzjoni użata fl-investigazzjoni preżenti tirrelata b'mod korrett mal-prodott taħt konsiderazzjoni. Kieku kellu jkun hemm każijiet fejn aċċessorji għat-twaħħil malleabbli jkunu importati taħt kodiċi NM oħrajn, dan għandu jiġi konsidrat bħala klassifikazzjoni ħażina, u trid tingħibed l-attenzjoni ta' l-uffiċjali doganali fuq din il-kwistjoni.

(12) Fil-konfront tat-tieni punt, aċċessorji għat-twaħħil mhux minsuġin ma jaqgħux taħt it-tifsira tal-prodott taħt konsiderazzjoni. Fil-fatt, dan hu prodott intermedjarju li jkun jonqsu passi ta' fabbrikazzjoni oħrajn li jagħtu lill-prodott taħt konsiderazzjoni waħda mill-karatteristiċi essenzali tiegħu, i.e. il-mekkaniżmu tat-twaħħil. Konsegwentement, aċċessorji għat-twaħħil mhux minsuġin bħala tali m'humiex f'kompetizzjoni mal-prodott taħt konsiderazzjoni u ma jistgħux jintużaw minfloku. Barra minn hekk, l-investigazzjoni uriet illi it-tinsiġ jirrappreżenta pass sinifikanti fil-proċess ta' fabbrikazzjoni f'termini ta' valur miżjud għall-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli, b'mod partikolari meta jiġi konsidrat il-livell għoli ta' xogħol involut f'dak il-pass. Għalhekk, ma jistax jitqies li flimkien jifformaw prodott wieħed b'aċċessorji bil-kamin malleabbli, i.e. il-prodott taħt konsiderazzjoni.

(13) Minħabba dan, ir-riżultati provisorji għall-prodott taħt konsiderazzjoni qegħdin hawnhekk jiġu konfermati.

2. ***Prodotti simili***

(14) Fil-premessa 13, tar-Regolament provisorju, il-Kummissjoni sabet illi aċċessorji għat-twaħħil malleabbli fabbrikati mill-industrija tal-Komunità u mibjugħin fis-suq tal-Komunità kif ukoll aċċessorji għat-twaħħil malleabbli fabbrikati fil-pajjiżi konċernati u esportati lill-Komunità huma prodotti simili, għaliex m'hemmx differenzi fil-karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi u fl-użi ta' l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli li diħà jeżistu.

(15) Wara l-isvelar tar-riżultati provisorji, ċertu partijiet interessati argumentaw illi l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli fabbrikati fil-Komunità ma kienux prodotti simili għal dawk importati mill-pajjiżi konċernati, għaliex il-ħadid fondut użat għas-sistemi magħmulin fil-Komunità kien, b'mod ġenerali, ta' qalba bajda, filwaqt li dak ta' qalba sewda kien użat għall-prodotti importati.

(16) L-investigazzjoni wriet illi l-aċċessorji għat-twaħħil ta' qalba sewda u ta' qalba bajda jgħaddu minn proċess ta' ttremprar differenti. Fil-każ tas-sistemi ta' twaħħil tal-qalba bajda, idum bejn 80 sa 120 siegħa f'temperatura ta' 1 100°. Fil-każ ta' sistemi ta' twaħħil tal-qalba sewda, iddum bejn 50 sa 80 siegħa, f'temperatura ta' 900°. Dawn il-proċessi differenti jwasslu għal kontenut ta' karbonju differenti, ta' l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda jkunu kważi kompletament dekarbonizzati, filwaqt li l-kontenut ta' karbonju ta' l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba sewda huwa mnaqqas għal grad ibgħax. Ir-riżultat huwa li aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda huma b'mod ġenerali aktar elastiċi, resistenti u jistgħu jiġu ggalvanizzati aktar faċilment mill-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba sewda, li min-naħa l-oħra huma aktar faċli sabiex jiġu minsuġin u huma b'xi mod aktar adattati għal applikazzjonijiet fejn l-għeluq tal-pressa hija importanti.

(17) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li ma hemm l-ebda differenza perċepita mis-suq li tiddistingwi bejn sistemi ta' twaħħil ta' qalba sewda u ta' qalba bajda għaliex f'kull qasam, ħlief għall-kontenut tal-karbonju, għandhom karatteristiċi li jixtiebħu ħafna, l-istess użu u għalhekk jistgħu jintużaw minflok xulxin. Dan ġie konfermat bil-fatt illi l-importaturi/kummerċanti li jixtru kemm aċċessorji għat-twaħħil malleabbli tal-qalba sewda mil-pajjiżi konċernati kif ukoll aċċessorji għat-twaħħil malleabbli tal-qalba bajda fabbrikati mill-industrija tal-Komunità, ibigħuhom lil dawk li jużawhom mingħajr ma jagħmlu distinzjoni bejn iż-żewġ gradi ta' materjal. L-investigazzjoni wriet, li dawk li jużaw il-prodott taħt konsiderazzjoni ma jagħmlux distinzjoni ta' livell suffiċjenti bejn aċċessorji għat-twaħħil ta' qalba sewda u ta' qalba bajda.

(18) Dan huwa wkoll ssuġġerit mill-fatt illi kemm aċċessorji għat-twaħħil ta' qalba sewda kif ukoll aċċessorji għat-twaħħil ta' qalb bajda huma inklużi fl-iStandard Ewropew EN 10242 u fl-istandard internazzjonali ISO 49, li jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għad-disinn u prestazzjoni ta' l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli. F'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-livell tal-materjal użat, kemm il-qalba bajda kif ukoll il-qalba sewda huma aċċettati.

(19) Minħabba dan, u peress li l-ebda evidenza ġdida ma kinet mogħtija dwar dan, ir-riżultati provisorji fil-konfront tal-prodott simili huma konfermati.

E. RIŻULATI FIL-KONFRONT TAL-KROAZJA U R-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-JUGOSLAVJA

(20) Fil-konfront tal-Kroazja u tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, huwa kkonfermat illi l-volum ta' importazzjonijiet li joriġinaw minn dawk il-pajjiżi irrappreżenta 0,4 % u 0,3 % tat-total tal-konsum fil-Komunità rispettivament. Peress li l-volum ta' importazzjonijiet kienu kkonsidrati ta' daqs żgħir skond l-Artikolu 9(3) tar-Regolamnet tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li jifqgħu s-suq minn pajjiżi terzi li mhumiex Membri tal-Komunità Ewropea (hawnhekk iżjed 'il quddiem "ir-Regolament bażiku"), il-proċedura għandha ttemm fil-konfront ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw minn dawn iż-żewġ pajjiżi.

F. **DUMPING**

1. ***Pajjiżi b'ekonomija tas-suq***

1.1. **Valur normali**

1.1.1. *Applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku*

(21) Skond kif jingħad fit-taqsima 3.4 tar-Regolament provisorju, kumpannija Ġappuniża waħda biss u l-importatur relatat tagħha irrispondew għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni għall-fabbrikanti li jesportaw. L-informazzjoni mogħtija mill-kumpannija Ġappuniża, madankollu, kienet mhux kompluta u f'xi każijiet żbaljata u r-riżultati kellhom joħorġu skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Wara l-adozzjoni tal-miżuri provisorji, dawn ir-riżultati ġew riveduti. Dan wassal għal stima sostanzjalment riveduta tal-valur normali, kif stabbilita provisorjament.

(22) Il-fabbrikant u esportatur Tajlandiż li għalih il-valur normali kien kalkolat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku (ara premessi 96; tar-Regolament bażiku) qal li l-Kummissjoni għandha tikkonsidra id-deċiżjoni tagħha li tuża bħala fatti għad-disposizzjoni l-ogħla marġni ta' *dumping* misjub għat-transazzjonijiet ta' dan l-esportatur f'każijiet fejn l-ebda valur normali ta' kumpanniji Tajlandiżi oħrajn ma jkun qiegħed għad-disposizzjoni.

(23) Dan l-argument ma ġiex milquh. L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fil-każ preżenti huwa kkonsidrat appropjat u neċessarju sabiex jiġi evitat li jingħata bonus għan-nuqqas ta' koperazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat trattament imparzjali vis-à-vis il-partijiet kollha, li kienu kkoperaw b'mod komplet fil-proċedura.

1.1.2. *Valur normali bażat fuq bejgħ domestiku*

(24) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan qal li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku ipoġġi lill-Kummissjoni taħt obbligu li tinvestiga jekk il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku ta' prodotti tip li jinbigħu f'volumi taħt il-5 % tal-volum esportat lill-Komunità huwiex rappreżentattiv għas-suq Brażiljan. Huwa argumenta wkoll illi, peress illi l-medja ta' marġni ta' profitt ta' dan il-bejgħ kienet raġonevolment għolja, il-prezzijiet ta' dan il-bejgħ kienu rappreżentattivi u kellhom jiġu użati sabiex jiġi stabbilit il-valur normali.

(25) Hija prassi komuni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità li ma jużawx prezzijiet ta' prodotti jew prodotti tip li m'humiex mibjugħin fi kwantitajiet rappreżentattivi sabiex jiġi kalkolat il-valur normali. Huwa biss meta l-volum tal-bejgħ ikun daqs jew jisboq il-limitu ta' 5 % li l-Kummissjoni tikkonsidra li l-bejgħ huwa suffiċjentement rappreżentattiv li jifforma bażi ta' valur normali. L-ebda fattur ma ġie misjub li jista' jiġġustifika devjazzjoni mil-prassi normali fejn jiġi użat volum ta' bejgħ anqas mil-limitu ta' 5 %.

(26) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan qal li l-Kummissjoni użat metodoloġiji differenti u inkonsistenti sabiex tistabilixxi l-persentaġġ ta' iffinanzjar ta' l-ispejjeż u ta' spejjeż oħrajn ġenerali u amministrattivi u għall-bejgħ (S&A), fuq il-bażi ta' profitt għall-prodott simili fuq naħa u l-bażi ta' qligħh totali fuq in-naġa l-oħra.

(27) Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. L-investigazzjoni svelat illi l-fabbrikant u esportatur ma kienx kappaċi juri l-korrettezza u l-kredibilità tal-figuri rapportati fir-risposta għall-kwestjonarju u l-Kummissjoni għalhekk ma kellhiex għażla ħlief li tuża l-fatti għad-disposizzjoni skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, sabiex tikkalkola l-ammont ta' spejjeż finanzjarji u SG& A oħrajn. Barra minn hekk, l-ebda evidenza ma ġiet mogħtija li turi li l-metodu użat mill-Kummissjoni ma kienx jirrifletti l-ispejjeż magħmulin għall-bejgħ tal-prodott.

(28) Il-fabbrikant u esportatur Ċek ikkontesta l-fatt illi l-Kummissjoni kienet ikkonsidrat il-kumpannija li tiffabbrika, li dak iż-żmien kienet ukoll tbigħ fis-suq domestiku, u l-kumpannija relatata li hi kollha tiegħu li hija responsabbli mill-bejgħ domestiku, bħala entità ekonomika unika. Huwa argumenta illi l-Kummissjoni ma kellhiex iżżid l-ispejjeż SG u A taż-żewġ kumpanniji sabiex tikkalkola l-ispejjeż tal-fabbrikazzjoni, fuq il-bażi li ż-żewġ kumpanniji biegħu l-prodott konċernat lil livelli ta' negozju differenti.

(29) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ispejjeż SG u A l-prassi normali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità hija li jiġu kkonsidrati l-ispejjeż kollha assoċċjati mal-fabbrikazzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt konsiderazzjoni, irrispettaviment mill-fatt illi dawn l-ispejjeż kienu magħmulin f'kumpannija waħda jew tnejn li jifformaw entità unika. Barra minn hekk l-investigazzjoni svelat illi waħda mill-karatteristiċi taż-żewġ kumpanniji relatati taħt konsiderazzjoni kienet in-nuqqas ta' distinzjoni ċara bejn l-ispejjeż magħmulin mill-entitajiet legali rispettivi. Dan ġie konfermat b'mod ċar waqt il-verifika meta ġie stabbilit illi l-kumpannija responsabbli mill-bejgħ kienet qegħda tireġistra fir-reġistru tal-kontijiet tagħha spejjeż li kienu fil-fatt relatati mal-kumpannija responsabbli mill-fabbrikazzjoni. L-approċċ meħud fl-istadju provisorju huwa għalhekk konfermat.

1.1.3. *Valur normali kostruwit*

(30) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan ikkontesta l-metodu użat sabiex jiġi stabbilit il-marġni ta' profitt meta jiġi kostruwit il-valur normali. Huwa argumenta li l-bejgħ domestiku ta' prodotti tip fi kwantitajiet rappreżentattivi fil-konfront ta' kwantitajiet esportati biss kellhom jiġu konsidrati. Huwa kompla jargumenta li l-prodotti tip mibjugħin fis-suq domestiku li ma kienux esportati u ċertu prodotti tip mibjugħin fis-suq domestiku li għandhom tip ta' nisġa differenti minn dawk li jiġu esportati lejn il-Komunità kellhom jiġu eskluži. Barra minn hekk, il-kumpannija qalet li ta' l-anqas kellu jkun hemm aġġustament fil-marħni ta' profit. Fl-aħħar qalet illi bejgħ li wassal għal telf ma kellux jiġi eskluż sabiex jiġi stabbilit il-marġni ta' profitt.

(31) Il-marġni ta' profit użat sabiex jiġi kostruwit il-valur normali ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, jiġifieri bażat fuq data dwar bejgħ, matul żmien normali ta' kummerċ, tal-prodott simili, mill-fabbrikant u esportatur Brażiljan taħt investigazzjoni. Sabiex jiġi kkonsidrat jekk il-bejgħ kienx sar verament waqt żmien normali ta' kummerċ, l-istituzzjonijiet tal-Komunità applikaw il-prassi kostanti hekk kif deskritt fil-premessa 23 tar-Regolament provisorju, li tiddisponi illi bejgħ ta' ċertu prodott li jwassal għal telf huwa inkluż fil-kalkolu tal-profitt, ħlief meta dan jirrappreżenta 20 % jew aktar tal-kwantità totali ta' dak it-tip mibjugħh fis-suq domestiku. L-ebda informazzjoni ma ġiet mogħtija li tista' tiġġustifika devjazzjoni mill-prassi normali u għalhekk ir-riżultati provisorji stabbiliti huma konfermati.

(32) Il-kumpannija Koreana li kkoperat argumentat dwar il-metodoloġija tal-Kummissjoni sabiex tikkalkola il-marġni ta' profitt domestiku, għaliex qalet illi il-kalkolu tal-valur normali kostruwit irriżulta f'marġini irraġonevolment għoljin.

(33) Il-marġni ta' profit użat fil-valur kostruwit huwa l-profitt attwali u assessjat bir-reqqa fuq il-bejgħ kollu matul il-kummerċ fis-suq domestiku, skond l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku u l-prassi konsistenti ta' l-istituzzjoni tal-Komunità.

(34) L-istess kumpannija Koreana qalet ukoll li ċertu spejjeż ta' bejgħ domestiku għandhom jiġu eskluži mill-ispejjeż SG&A domestiċi inklużi fil-valuri kostruwiti normali.

(35) Fil-fatt, l-ispejjeż relevanti magħmulin fuq bejgħ domestiku – infieq fuq ppakkjar u trasportazzjoni – kienu diġà ġew imnaqqsin sabiex jiġi żgurat tqabbil xieraq bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni. Dan kien magħmul fuq bażi ta' aġġustamenti magħmulin u mogħtijin għal dawn l-ispejjeż f'forma ta' konċessjonijiet domestiċi. Għalehekk dan l-approċċ korrett adottat fir-Regolament provisorju huwa konfermat.

(36) Il-kumpannija Koreana qalet li l-valur normali għal ċertu prodotti tip esportati li ma kienux mibjugħhin fis-suq domestiku kellu jiġi kalkolat b'referenza għall-prezzijiet tal-bejgħ ta' prodotti li jixtiebħu ħafna fuq is-suq domestiku.

(37) Dan l-argument jista' fil-prinċipju jiġi aċċettat. Madankollu, xi wħud mill-prodotti tip mibjugħin fis-suq domestiku fi kwantitajiet suffiċjenti u li kienu ġew preżentati bħala prodotti tip li jistgħu jitqabblu u li ġġalihom l-ebda bejgħ domestiku ma kien jeżisti deheru sostanzjalment differenti kemm f'termini ta' spejjeż u ta' fabbrikazzjoni kif ukoll fil-karatteristiċi fiżiċi tagħhom bħall-piż, daqs tal-ħruġ, eċċ. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tuża dawn il-prezzijiet sabiex tistabilixxi il-valur normali kien hemm bżonn l-istima u l-applikazzjoni ta' aġġustamenti numeruži u sinifikanti. Għalhekk ġie konkluż u hawnhekk konfermat li l-użu ta' valuri normali kostruwiti f'każijiet bħal dawn huwa l-bażi l-aktar preċiż u xieraq sabiex jiġi stabbilit il-valur normali.

1.2. **Prezzijiet ta' l-esportazzjoni**

(38) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan argumenta illi l-bejgħ esportat magħmul permezz ta' l-importatur partikolari fil-Komunità kien eskluż mingħajr ebda ġustifikazzjoni.

(39) Ġie muri li fil-premessa 41 tar-Regolament provisorju dan il-bejgħ jirrappreżenta parti żgħira ħafna ta' l-esporti u bħala tali ma setgħux ħallew impatt materjali fuq ir-riżultati. Fil-fatt, il-kalkoli ta' *dumping* bl-esklużjoni tal-kwantitajiet mibjugħhin permezz ta' l-importatur partikolari jgħoddu anqas minn 97 % tal-kwantità kollha esportata lejn il-Komunità, i.e. kwantità kompletament rappreżentattiva. Għalhekk huwa kkunsidrat bħala ġustifikat li dan il-bejgħ ġie eskluż.

1.3. **Paragun**

(40) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan kkontesta l-fatt illi l-Kummissjoni ma wżatx in-numri ta' kontroll tal-prodott (PNM's) li jidentifikaw prodotti tip hekk kif propost fil-kwestjonarju għall-paragun tal-valuri normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni.

(41) Huwa kkonfermat illi l-PNM's li kienu ġew oriġinarjament proposti ma nżammewx. Dan sar miħabba li l-verifika fuq il-post uriet li l-prodotti tip b'karatteristiċi differenti li jirriżultaw fi spejjeż u valuri tas-suq differenti kienu miġburin taħt l-istess PNM'S. Sabiex isir paragun ġust u preċiż bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 2 (10) tar-Regolament bażiku, ġiet użata l-kategorizzazzjoni interna tal-prodott li tagħmel il-kumpannija. Dan wassal għal paragun tal-valuri normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' prodotti tip identiċi.

(a) Karatteristiċi fiżiċi

(42) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan talab ukoll aġġustament għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi bejn il-prodotti tip domestiku u esportat.

(43) Għandu jiġi notat illi meta l-Istituzzjonijiet tal-Komunità ikkomparaw il-valur normali domestiku u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' prodotti tipi identiċi, l-ebda konċessjoni oħra ma ingħatat għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi. Għall-prodotti tip li m'hemmx prodott tip identiku għalihom li jinbigħh fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi u li fiż-żmien ta' kummerċ normali, il-valur normali kien kostruwit fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-fabbrikazzjoni tat-tipi esportati, b'mod illi anke għal dawk it-tipi ma kien hemm l-ebda differenza fiżika oħra u għalhekk l-ebda aġġustament ieħor ma kien meħtieġ.

(44) Kummerċjant u esportatur Tajlandiż oġġezzjona għad-deċiżjoni ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità li jiġi rrifjutat livell ta' aġġustament kummerċjali (ara premessa 105 tar-Regolament provisorju). Huwa qal illi d-differenzi fil-prezzijiet kienu jeżistu għal ċertu prodotti tip skond il-karatteristiċi fiżiċi tagħhom.

(45) Għalkemm il-kumpannijia kkwalifikat it-talba tagħha bħala livell ta' aġġustament kummerċjali, din fil-fatt kienet qegħda titlob konċessjoni għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi. Wara li l-Kummissjoni svelat ir-riżultati provisorji, il-kumpannija bidlet it-talba li kienet għamlet fil-kwestjonarju b'mod sostanżjali b'mod li irreferiet għal karatteristiċi fiżiċi differenti minn dawk li kienet speċifikat oriġinarjament. L-istituzzjonijiet tal-Komunità ma kienux aktar f'posizzjoni li jivverifikaw is-sustanza tad-differenza ġdida allegata fil-prezz f'dan l-istadju avvanzat tal-proċedura. F'dan is-sens għandu jiġi nnotat illi l-kwestjonarju kien jindika b'mod ċar illi kien essenzali li talba tkun magħmula b'mod preċiż u f'biżżejjed ħin li l-Kummissjoni tinvestigaha. Konsegwentement, it-talba ġiet irrifjutata u r-riżultati provisorji ġew ikkonfermati.

(b) Tariffi fuq importazzjonijiet u taxi indiretti ("rifużjoni ta' dazji")

(46) Kif imħabbar fil-premessa 47 tar-Regolament provisorju, it-talba magħmula mill-fabbrikant u esportatur Brażiljan għal aġġustament fil-valur normali għar-rifużjoni ta' ċertu taxxi indiretti kompliet tiġi eżaminata. Dan l-eżami wassal għall-konklużjoni li t-talba magħmula mill-kumpannija kienet eċċessiva u mhux ġustifikata. Dan l-ammont li fil-fatt kien ġie rifuż fuq bejgħ esportat lill-Komunità u fl-istess ħin sopportat mill-prodott konċernat meta konsumat fil-Brażil kien biss frazzjoni ta' l-ammont mitlub. Għalhekk il-konċessjoni li ingħatat provisorjament ġiet riveduta.

(ċ) Livell ta' kummerċ

(47) Il-fabbrikanti u esportaturi Brażilajn u Ċek it-tnejn li huma rrepetew it-talba tagħhom għal konċessjoni għall-valur normali għad-differenzi fil-livell ta' kummerċ fil-konfront ta' bejgħ lill-klijent OEM fil-Komunità.

(48) Fuq il-bażi ta' kjarifikazzjonijiet mogħtijin miż-żewġ kumpanniji, saru xi aġġustamenti. Dan sar taħt l-Artikolu 2 (10)(d)(ii) tar-Regolament bażiku, peress li l-kumpanniji ma biegħux fiż-żewġ livelli konċernati fis-suq domestiku tagħhom.

(d) Spejjeż ta' kreditu

(49) Il-kumpannija Koreana li kkoperat qalet illi hi ma kienet għamlet l-ebda spiża ta' kreditu fuq bejgħ esportat u li l-kalkoli għandhom għalhekk jiġu aġġustati.

(50) Din it-talba instab li kienet f'kontradizzjoni ma' dak li l-kumpannija kienet irrispondiet fil-kwestjonarju. Il-Kummissjoni ħadet kont tat-termini ta' ħlas miftiehmin mal-klijenti kemm fil-Komunità u kemm fil-Korea u rraportati mill-kumpannija fir-risposti għall-kwestjonarju tagħha. Għalhekk din it-talba ġiet rifjutata.

(e) Konverżjoni fil-munita

(51) Il-kummerċant u esportatur Brażiljan qal li l-Kummissjoni kellha tuża r-rata tal-kambju ta' kuljum mhux tieħu medja tar-rata tal-kambju ta' kull xhar.

(52) Miħabba l-iżvalutazzjoni importanti fir-Real Brażiljan f'Jannar ta' l-1999 u l-impatt materjali fuq il-kalkoli tad-*dumping*, dan l-argument ġie aċċettat u b'eċċezzjoni ġew użati r-rati ta' kuljum għall-kalkoli definittivi tad-*dumping*.

(53) L-istess kummerċant u esportatur qal ukoll illi l-Kummissjoni kellha tuża r-rata ta' kambju fid-data tal-ħlas tal-fattura minflok dik fid-data tal-fattura.

(54) Ir-Regolament bażiku jiddisponi fl-Artikolu 2(10)(j) illi l-konversjoni fil-munita għandha tinħadem bir-rata tal-kambju tad-data tal-bejgħ, li kienet ikkonsidrata li tkun id-data tal-fattura. Dati alternattivi oħrajn huma d-data tal-kuntratt, ordni tax-xiri jew konferma ta' l-ordni, imma dawn jistgħu jintużaw biss jekk ikunu jirriflettu aħjar it-termini tal-bejgħ. Madankollu, ir-rata tal-kambju fid-data tal-ħlas ma tistax tintuża. Għalhekk din it-talba kellha tiġi rifjutata.

2. *Pajjiżi li m'għandhomx ekonomija tas-suq*

2.1. **Trattament individwali**

(55) Skond kif dispost fir-Regolament provisorju, il-Kummissjoni investigat aktar it-talba għal trattament individwali magħmula minn wieħed mill-fabbrikanti Ċiniżi.

(56) Matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni l-kumpannija biegħet ħafna mil-produzzjoni tagħha destinata għall-esportazzjoni lil kummerċant Ċiniż li huwa ta' l-Istat. Konsegwentement, ma kellhiex kontroll fil-prezzijiet, kwantitajiet, jew id-destinazzjoni tal-bejgħ esportat. Dan kien kompitu kompletament taħt il-kontroll tal-kummerċant li huwa ta' l-Istat. Barra minn hekk, l-informazzjoni mogħtija dwar l-attivitajiet ta' esportazzjoni kienu inkompleti ħafna, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' bejgħ mill-kummerċant lil klijenti fil-Komunità peress li l-kummerċant ma kkoperax.

(57) Fabbrikant Ċiniż ieħor qal li hu kompletament indipendenti minn kull interferenza mill-Istat u saħaq illi l-i*status* ta' privat tiegħu kien ħarab kull riskju li jiġi mibdul.

(58) Bħal fil-każ ta' hawn fuq il-kumpannija għamlet ħafna mill-operazzjonijiet tagħha permezz tal-kummerċant li huwa ta' l-Istat u ma kellhiex informazzjoni dwar il-prezz mitlub mill-kummerċant lill-klijenti tal-Komunità. Din l-interferenza mill-Istat kienet biżżejjed sabiex iddaħħal ir-riskju li possibiliment fil-futur jiġi maħrub dazju li huwa impost mal-pajjiż kollu jekk din il-kumpannija tingħata rata ta' dazju individwali. Konsegwentement, din it-talba ma setgħetx tiġi aċċettata.

(59) Fl-aħħar, it-tielet kumpannija allegat illi l-Kummissjoni applikat regoli dwar trattament individwali b'mod diskriminatorju billi rrifjutat li tagħtiha trattament bħal dan filwaqt li trattament individwali ġie mogħti f'każ ieħor b'fatti identiċi. Hija qalet illi r-raġuni għaliex ma ingħatatx trattament indiviwali kienet illi hi kienet soġġetta għal ċertu liġijiet dwar investiment barrani li jiddisponu għal rifużjoni ta' taxxa u regoli li jistabbilixxu l-pagi, u li kumpanniji oħrajn, fi proċeduri oħrajn kontra d-*dumping*, għalkemm soġġetti għall-istess liġijiet xorta ingħataw trattament individwali.

(60) Il-kumpannija kienet imwaqqfa speċifikament sabiex tingħata benefiċċju fuq t-taxxa fuq id-dħul. Dan il-benefiċċju fuq it-taxxa kien qiegħed għad-disposizzjoni ta' kumpanniji li jesportaw ta' l-anqas 70 % tal-fabbrikazzjoni tagħhom biss u l-investigazzjoni wriet illi dan il-limitu fil-prattika kien applikat b'mod komplet. Fuq din il-bażi, ġie deċiż illi l-kumpannija ma kinietx eliġibbli għal trattament individwali. Jiġi wkoll innotat illi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-allegata diskriminazzjoni, l-ebda kumpannija f'ċirkostanzi simili ma rċiviet trattament individwali.

(61) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq jiġi konkluż illi t-tlett kumpanniji Ċiniżi ma rnexxilhomx juru grad ta' indipendenza mill-awtoritajiet tali li jista' jneħħi r-riskju li d-dazju impost fil-pajjiż kollu jiġi maħrub. Għalhekk it-talba tagħhom għal trattament individwali hija rrifjutata.

3. *Marġni ta'* **dumping** *għal kumpanniji investigati*

(62) Fin-nuqqas ta' xi kummenti minn partijiet interessati ġie deċiż illi jiġu applikati l-metodi imniżżlin fir-Regolament provisorju għall-kumpanniji li kkoperaw u dawk li ma kkoperawx.

(63) Il-marġini definittivi ta' *dumping*, espressi bħala persentaġġ tal-prezz ta' l-import cif fil-fruntiera tal-Komunità, huma:

3.1. **Il-Brażil**

Indústria de Fundiáo Tupy Ltda: 34,8 %,

Oħrajn: 34,8 %.

3.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

Moravské Zelezárny a.s.: 26,1 %,

Oħrajn: 26,1 %.

3.3. **Il-Ġappun**

Hitachi Metals Ltd: 47,3 %,

Oħrajn: 65,7 %.

3.4. **Korea**

Yeong Hwa Metal Co. Ltd: 13,4 %,

Oħrajn: 23,4 %.

3.5. **Tajlandja**

BIS Pipe Fitting Industry Company Ltd: 22,1 %,

Siam Fittings Co. Ltd: 12,4 %,

Thai Malleable Iron & Steel Co. Ltd: 6,3 %,

Oħrajn: 22,1 %.

3.6. **Ċina**

Kumpanniji kollha: 49,4 %.

Il-Kroazja u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja

(64) Minħabba li nstab sehem fis-suq *de minimis* għall-importazzjoni konċernata li toriġina kemm mill-Kroazja u mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, ġie deċiż li ma jiġix kalkolat marġni ta' *dumping* għall-importazzjoni tal-prodotti konċernati minn dawn il-pajjiżi.

G. **DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ**

(65) Żewġ partijiet interessati tennew it-talba tagħhom illi peress illi fabbrikant tal-Komunità importa prodotti taħt konsiderazzjoni minn ċertu pajjiżi konċernati, i.e. miċ-Ċina u t-Tajlandja, dan m'għandux jiġi kkonsidrat li jappartjeni għall-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, xi partijiet interessati qalu li ċertu fabbrikanti tal-Komunità importaw aċċessorji għat-twaħħil malleabbli minn ċertu pajjiżi terzi oħrajn, jiġifieri l-Bulgarija u t-Turkija, u li għalhekk, bl-istess mod, dawn m'għandhomx jiġu kkonsidrati li jifformaw parti mill-industrija tal-Komunità.

(66) Fil-konfronti ta' l-ewwel punt, il-Kummisjoni kompliet tinvestiga l-kwistjoni. Madankollu ma nsabet l-ebda prova ta' din l-importazzjoni.

(67) Għat-tieni punt, l-investigazzjoni kkonfermat illi dawn l-importazzjonijiet, għalkemm saru f'xi każijiet, kienu minimi meta komparati mal-bejgħ ta' fabbrikazzjoni tal-Komunità tal-fabbrikanti tal-Komunità konċernati, u għalhekk ma taffettwax l-i*status* tagħhom bħala fabbrikanti tal-prodott simili fil-Komunità.

(68) Għalhekk, dawn l-argumenti għandhom jiġu rifjutati. Għal dawn ir-raġunijiet, u fl-assenza ta' xi informazzjoni ġdida, ir-riżultati fuq id-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità hekk kif deskritta fil-premessi 133 u 134 tar-Regolament provisorju huma konfermati.

H. **TELF**

1. ***Importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati***

1.1. **Stima kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet konċernati**

(69) Il-partijiet interessati konċernati tennew l-argument illi l-importazzjonijiet tagħhom m'għandhomx jiġu stimati b'mod kumulattiv ma' l-importazzjonijiet l-oħrajn konċernati. Dawn il-pretensjonijiet kienu analizzati aktar fuq il-bażi ta' kondizzjonijiet mniżżlin fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

1.1.1. *Il-Brażil*

(70) Il-fabbrikant u esportatur Brażiljan tenna l-pretensjoni tiegħu illi l-esportazzjoni ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli mill-Brażil m'għandhiex tiġi akkumulata ma' l-esportazzjoni mill-bqija tal-pajjiżi konċernati, minħabba l-mudelli differenti ta' kummerċ, b'mod partikolari fil-konfront tal-volum ta' l-importazzjoni u l-ipprezzar.

(71) Għandu jiġi notat illi l-marġni ta' *dumping* misjub fil-Brażil huwa sostanzjali. Il-volum ta' l-importazzjoni kien ta' 4 188 tunnellata metrika fl-IP, li jikkorrispondi għal sehem fis-suq ta' 6,9 % u għalhekk ma jistax jissejjaħ negliġibbli.

(72) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn prodotti importati, u l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Komunità, l-analiżi li kompliet issir tal-fatturi relevanti wriet illi għalkemm it-tendenza fil-volumi ta' importazzjonijiet Brażiljani u dawk l-importazzjonijiet minn pajjiżi konċernati oħrajn ma kienux fil-każijiet kollha identiċi matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni dwar telf, id-differenza bejniethom ma kinietx tali li tiġġustifika stima mhux kumulattiva. Fil-fatt, instab illi t-tendenza ta' l-importazzjonijiet Brażiljani kienet instabbli, għalhekk li ssegwi tendenza simili meta komparata ma' pajjiżi konċernati oħrajn, jiġifieri l-Ġappun, il-Korea ta' Isfel u t-Tajlandja. F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet Brażiljani, dawn ukoll instab li kienu instabbli: żdiedu bejn l-1995 u l-1996 bejn wieħed u ieħor bi 13 %, wara gradwalment naqsu bejn l-1996 u l-1998 fittotal bejn wieħed u ieġor b'10 %, u fl-aħħar reġgħu żdiedu bejn l-1998 u l-IP bejn wieħed u ieħor bi 2 %. Mudelli instabbli simili għal dan instabu kważi għall-pajjiżi konċernati l-oħrajn kollha. Għalhekk, għalkemm ma kienux dejjem identiċi matul l-IIP id-differenza fil-prezzijiet ma kinietx tali li tiġġustifika stima mhux kumulattiva.

(73) Il-pajjiżi konċernati kollha joperaw fl-istess jew simili linji ta' distribuzzjoni, hekk kif konfermat mill-fatt illi xi whud mill-kummerċanti importaw jew xtraw il-prodott taħt konsiderazzjoni kemm mingħand diversi pajjiżi konċernati u l-fabbrikanti tal-Komunità.

(74) F'dak li għandu x'jaqsam mal-perċezzjoni tas-suq għall-prodotti importati mill-Brażil u l-prodotti fabbrikati fil-Komunità, l-investigazzjoni wriet illi ma hemm l-ebda differenza, hekk kif pruvat ukoll bix-xebħ li hemm fil-linji ta' distribuzzjoni.

(75) Għal dawn ir-raġunijiet, jiġi konkluż illi l-effett ta' l-importazzjonijiet Brażiljani għandu jiġi stimat b'mod kumulattiv ma' l-effetti li joriġinaw fil-pajjiżi konċernati l-oħrajn.

1.1.2. *Ir-Repubblika Ċeka*

(76) Il-kummerċant u esportatur Ċek argumenta illi l-esportazzjoni ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli mir-Repubblika Ċeka m'għandhomx jiġu stimati b'mod kumulattiv ma' dawk li joriġinaw minn pajjiżi konċernati oħrajn fuq il-bażi illi dawn ma kkompetew la ma' l-aċċessorji għat-twaħħil importati minn pajjiżi konċernati oħrajn u l-anqas ma' dawk fabbrikati u mibjugħin mill-parti l-kbira ta' l-industrija tal-Komunità. Il-fabbrikant u esportatur Ċek f'dan is-sens qal illi l-aċċessorji għat-twaħħil tiegħu ġew mibjugħin l-aktar f'parti limitata tas-suq tal-Komunità.

(77) L-investigazzjoni madankollu wriet illi proporzjon sinifikanti ta' l-esporti Ċeki kien dirett lejn diversi Stati Membri. Barra minn hekk, anke meta tikkonsidra li l-bqija ta' l-esportazzjoni Ċeka hija kkonċentrata fi Stat Membru wieħed, dan fih innifsu ma jistgħax ikun kkonsidrat bħala element li fuqu stima mhux kumulattiva tista' tkun ġustifikata minħabba d-daqs tas-suq, minħabba l-importazzjonijiet sinifikanti li joriġinaw minn pajjiżi konċernati oħrajn u li jidħlu f'dan is-suq u minħabba l-fatt illi l-industrija tal-Komunità wkoll għandha bejgħ sinifikattiv f'dan is-suq.

(78) Fuq din il-bażi, ir-riżultati provisorji dwar il-korrettezza ta' l-istima kumulattiva ta' l-importazzjonijiet mir-Repubblika Ċeka huma konfermati.

1.1.3. *Ir-Repubblika tal-Korea*

(79) Il-fabbrikant u esportatur Korean argumenta li l-esportazzjoni mir-Repubblika tal-Korea m'għandhiex tiġi kkumulata ma' dik mill-pajjiżi konċernati l-oħrajn, minħabba l-karatteristiċi tekniċi speċifiċi tal-prodott tagħha, li għandu nisġa esterna li tidjieq fit-tarf (*taper external fittings*) u nisġa interna li tidjieq fit-tarf (*taper internal threads*) (*taper/taper fittings*), meta fil-bqija tal-Komunità l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli b'mod ġenerali jkollhom nisġa esterna li tidjieq fit-tarf u nisġa interna parallela (*taper/parallel fittings*). Intqal illi l-importazzjonijiet Koreani, li saru lejn is-suq tar-Renju Unit biss, kienu f'kompetizzjoni ma' l-aċċessorji għat-twaħħil ta' l-uniku fabbrikant Brittan li jipproduċi *taper/taper fittings* ukoll. Barra minn hekk intqal ukoll, waqt l-IP, illi parti negliġibbli biss mis-suq tar-Renju Unit kienet fornuta bl-aċċessorji għat-twaħħil bil-kamin li jidjiequ fit-tarf/paralleli. Konsegwentement, *dumping* li jwassal għal telf jista', jekk jiġi stimat, jiġi stimat buq bażi reġjonali biss.

(80) F'dak li għandu x'jaqsam ma' stima reġjonali ta' *dumping* li jwassal għal telf, għandu jiġi notat illi mhux il-kondizzjonijiet kollha f'dan is-sens mniżżlin fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament bażiku ġew rispettati. Tabilħaqq, waqt l-IIP, mhux il-fabbrikant Brittan biss, imma fabbrikanti oħrajn tal-Komunità u fabbrikanti u esportaturi minn pajjiżi konċernati oħrajn u minn pajjiżi terzi biegħhu l-prodott taħt konsiderazzjoni fis-suq tar-Renju Unit. L-investigazzjoni wriet illi, b'mod partikolari fl-IP, kwantitajiet sinifikattivi ta' aċċessorji għat-twaħħil li jidjiequ fit-tarf/paralleli kienu mibjugħin fis-suq tar-Renju Unit, u rrappreżentaw sehem fil-konsum lokali tal-prodott taħt konsiderazzjoni ogħla minn 20 % sewwa, li ma jistgħax jiġi konsidrat negliġibbli.

(81) Fuq din il-bażi, il-korrettezza ta' l-istima kumulattiva ta' l-importazzjonijiet mill-Korea ma' dawk li joriġinaw minn pajjiżi konċernati oħrajn hija konfermata.

1.1.4. *Tajlandja*

(82) Il-fabbrikant u esportatur Tajlandiż tenna l-pretensjoni li l-esportazzjoni ta' aċċessorji għġat-twaħħil malleabbli mit-Tajlandja m'għandhiex tiġi kumulata ma' l-esportazzjoni mill-bqija tal-pajjiżi konċernati, minħabba l-fatt illi l-importazzjonijiet Tajlandiżi naqsu mill-IIP meta espressi f'persentaġġ ta' l-importazzjonijiet totali fil-Komunità, i.e. meta tinkludi l-importazzjonijiet kollha kemm mill-pajjiżi konċernati u kemm mill-pajjiżi terzi l-oħrajn.

(83) Għandu jiġi notat, l-ewwel nett, illi skond l-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku, għandha tingħata konsiderazzjoni għall-volum ta' importazzjoni li hi l-oġġett ta' *dumping* li meta espress f'termini relattivi, għandu jiġi kalkolat f'relazzjoni mal-fabbrikazzjoni jew konsum fil-Komunità. F'din l-investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati ġew espressi f'relazzjoni mal-konsum fil-Komunità. Fuq din il-bażi, is-sehem fis-suq tat-Tajlandja kien 'il fuq minn 1 % waqt l-IP, għalhekk skond il-liġi tal-Komunità mhux negliġibbli. It-tieni nett, waqt l-IP, l-importazzjonijiet Tajlandiżi kienu jikkostitwixxu aktar minn 3 % ta' l-importazzjonijiet kollha fil-Komunità, għalhekk kienu b'mod ċar 'il fuq mil-limiti *de minimis* ta' l-WTO.

(84) F'dak li għandu x'jaqsam mat-tendenzi ta' importazzjonijiet osservati fuq l-IIP u kif muri hawn fuq, l-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet Tajlandiżi ma kienx differenti mit-tendenzi osservati għal pajjiżi konċernati oħrajn, li jiġġustifikahom milli jiġu kumulati ma' dawn il-pajjiżi l-oħrajn. Għalhekk, meta jiġu konsidrati r-riżultati fuq d-*dumping* li huwa konsiderevoli, u l-linji ta' distribuzzjoni wżati, il-korrettezza ta' l-istima kumulattiva ta' l-importazzjonijiet mit-Tajlandja ma' dawk li joriġinaw fil-pajjiżi konċernati l-oħrajn hija kkonfermata.

1.1.5. *Konklużjoni fuq l-akkumulazzjoni*

(85) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-investigazzjoni kkonfermat illi l-kondizzjonijiet ta' akkumulazzjoni, hekk kif imniżżlin fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, huma rrispettati minħabba li għall-pajjiżi konċernati kollha instabu marġini ta' *dumping* 'l fuq mil-livell *de minimis* u importazzjonijiet negliġibbli. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn, fuq naħa, l-prodotti importati, u, fuq in-naħa l-oħra, il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Komunità, dawn instabu li huma komparabbli. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet illi, fil-każijiet kollha l-prodotti importati u dawk ta' l-industrija tal-Komunità għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi, illi t-tendenzi fl-ipprezzar huma simili, li b'mod sinifikattiv huma orħos mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità, u li l-prodotti kollha importati kif ukoll il-prodotti fabbrikati fil-Komunità huma mibjugħin permezz ta' l-istess linja ta' distribuzzjoni jew waħda simili. Għalhekk, ir-riżultati provisorji dwar il-korrettezza ta' l-istima kumulattiva ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati huma kkonfermati.

1.2. **Tnaqqis tal-prezz**

1.2.1. *Aġġustamenti għall-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba sewda u tal-qalba bajda*

(86) Xi partijiet interessati qalu li għandhom isiru aġġustamenti fit-tqabbil fil-prezz bejn il-prodotti importati (aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba sewda) u l-prodott fabbrikat fil-Komunità (b'mod ġenerali aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda) fuq il-bażi tal-perċezzjoni differenti tas-suq u tad-differenza fil-proċess ta' produzzjoni (b'mod partikolari l-proċess ta' ittemprar, peress illi l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli tal-qalba bajda jirrikjedu spejjeż ta' fabbrikazzjoni ogħla minn dik għall-fabbrikazzjoni ta' l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli tal-qalba sewda minħabba l-konsum ogħla ta' enerġija), li kien rifless fil-prezz tal-bejgħ.

(a) Perċezzjoni tas-suq

(87) F'dan is-sens, instab illi, hekk kif deskritt hawn fuq (paragrafu 2.2.), f'dawk il-każijiet fejn l-aċċessorji għat-twaħħil kemm tal-qalba bajda kif ukoll dawk tal-qalba sewda kienu mibjugħin mill-istess parti, u għalhekk kieku kien hemm xi distinzjoni fil-perċezzjoni mis-suq din kienet tkun osservata, imma l-ebda distinzjoni bħal din ma kienet fil-fatt osservata, ta' l-anqas mhux f'dak li għandu x'jaqsam ma' differenzi fil-prezz. L-investigazzjoni kkonfermat illi dawk li jużaw il-prodott taħt konsiderazzjoni ma jagħmlux differenza bejn aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda jew dawk ta' qalba sewda. Fuq il-bażi ta' dan kollu, ma kienx għalhekk possibbli li jingħataw aġġustamenti fuq il-bażi ta' allegata differenza bejn l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda u dawk tal-qalba sewda.

(b) Spejjeż ta' produzzjoni u prezz tal-bejgħ

(88) Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mad-differenza fl-ispejjeż ta' produzzjoni u xi effetti fuq il-prezzijiet tal-bejgħ, bid-data għad-disposizzjoni seta' jiġi verifikat b'mod dettaljat l-istruttura ta' fabbrikazzjoni kemm ta' l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda u dawk tal-qalba sewda. Filwaqt illi l-konsum ta' enerġija sabiex tintlaħaq dekarburizzazzjoni kompleta ta' l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda huwa akbar mill-konsum ta' enerġija użat sabiex tintlaħaq dekarburizzazzjoni parzjali ta' l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba sewda, l-investigazzjoni wriet mhux biss illi l-ispejjez ta' l-enerġija jirrappreżentaw proporzjon żgħir mill-ispiża totali tal-fabbrikazzjoni, imma wkoll illi f'termini ta' konsum ta' enerġija u l-ispiża relatata ma' dan il-konsum, id-differenza bejn iż-żewġ proċessi m'hijiex sinifikanti u tiddependi aktar fuq il-fabbrikazzjoni speċifika li jkun hemm u l-effiċjenza ta' l-enerġija li juża l-fabbrikant konċernat.

(89) Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet tal-bejgħ, instab illi meta aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba bajda fabbrikati fil-Komunità kienu mibjugħin fl-istess suq, il-prezzijiet ta' l-aċċessorji għat-twaħħil tal-qalba sewda, kuntrarjament għal dak li qalu xi partijiet interessati, kienu f'xi każijiet aktar għoljin. Barra minn hekk, l-informazzjoni għad-disposizzjoni wriet illi f'dawk il-każijiet fejn grossisti u distributuri xtraw kemm ċċessorji għat-twaħħil malleabbli tal-qalba sewda minn pajjiżi konċernati u ċċessorji għat-twaħħil malleabbli tal-qalba bajda mill-industrija tal-Komunità, huma ħafna drabi reġgħu biegħuhom bl-istess prezz u ma speċifikawx id-differenza bejn it-tnejn f'termini taż-żewġ gradi ta' ħadid fondut.

(90) Dawn l-argumenti huma għalhekk rrifjutati.

1.2.2. *Aġġustamenti għal segmenti fis-suq*

(91) Xi partijiet interessati qalu li s-suq ta' l-aċċessorji għat-twaħħil malleabbli jinqasam fi tlett segmenti, skond il-kategorija tal-prezz u l-fiduċja li jispira l-prodott kif fabbrikat minn ċertu fabbrikanti tal-Komunità kif ukoll minn ċertu fabbrikanti li jesportaw. Konsegwentement intqal illi t-tqabbil fil-prezz għandu jsir fuq il-bażi ta' tlett segmenti tas-suq differenti (għoli, medju, baxx) li fihom kien hemm preżenti fabbrikanti tal-Komunità u fabbrikanti u esportaturi differenti.

(92) Għalkemm ma ġewx pprovduti elementi li jippermettu diviżjoni oġġettiva u nadifa tas-suq fi tlett segmenti speċifiċi, ġie eżaminat jekk metodi oħrajn ta' tqabbil fil-prezz bażati fuq dawn l-allegati segmenti fis-suq iwasslux għal riżultati differenti ta' tnaqqis taħt il-prezz. Bħala riżultat ta' Dan l-eżami, l-ebda differenza sinifikattiva ma nsabet meta komparata mal-metodoloġija applikata fl-istadju provisorju, i.e. it-tqabbil tal-medja tal-prezzijiet ex works tal-fabbrikanti tal-Komunità mal-medja tal-prezzijiet ta' kull fabbrikant u esportatur konċernat, għal kull tip ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli.

(93) Fl-aħħar, għalkemm l-investigazzjoni wriet illi ċertu diferenzi f'xi segmenti jistgħu jeżistu, ma jidhirx li hemm kriterji oġġettivi sabiex jiġu kategorizzati b'mod korrispondenti l-industrija tal-Komunità u l-fabbrikanti u esportaturi. Għalhekk, il-metodoloġija applikata fl-istadju provisorju hija kkonfermata.

1.2.3. *Konklużjoni fuq t-tnaqqis taħt il-prezz*

(94) Qabel dan l-isfond, il-marġini ta' tnaqqis taħt il-prezz kienu riveduti fuq il-bażi ta' provi mogħtijin mill-partijiet interessati u fejn ikun neċessarju ikunu emendati. Għall-Għappun, il-medja ta' tnaqqis taħt il-prezz espressa f'persentaġġ tal-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità naqset għal 16,2 %. Għall-pajjiżi konċernati l-oħrajn, l-medja provisorja ta' tnaqqis taħt il-prezz espressa f'persentaġġ tal-prezzijiet ta' l-insdustrija tal-Komunità l-prezzijiet huma kkonfermati.

2. ***Sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità***

2.1. **Għażla ta' indikaturi ekonomiċi**

(95) F'dak li għandu x'jaqsam ma' stima ta' telf, parti interessata argumentat illi l-kalkolu ta' l-impatt ta' l-importazzjoni li hi l-oġġett ta' *dumping* ma kinietx valida minħabba li ċertu fatturi ta' telf mniżżlin fl-Artikolu 3(4) Tal-Ftehim Kontra d-*Dumping* ta' l-WTO ma kienux ġew eżaminati.

(96) F'dan is-sens għandu jiġi nnotat illi l-Ftehim Kontra d-*Dumping* ta' l-WTO u r-Regolament bażiku ma jirrikjedux illi kull fattur jiġi analizzat eżattament bl-istess mod. Barra minn hekk, il-fatturi relevanti kollha li kienu kkonsidrati li għandhom xi effett fuq l-Istat ta' l-industrija tal-Komunità ġew kkonsidrati fil-kuntest ta' l-istima tat-telf. Għalhekk din il-pretensjoni hija rrifjutata.

2.2. **Analiżi tat-tendenzi**

(97) Il-fabbrikant u esportatur Ċek allega wkoll illi l-industrija tal-Komunità ma kinietx sofriet xi telf materjali fis-sens ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku peress illi l-Kummissjoni kienet f'diversi każijiet użat is-sena 1995 bħala punt ta' bidu għall-analiżi tagħha, filwaqt li kieku s-sena 1996 kienet ittieħdet bħala punt ta' bidu, l-indikaturi ekonomiċi kienu juru tendenza posittiva.

(98) F'dan is-sens għandu jiġi notat, l-ewwel illi d-*dumping* u t-telf li sofriet l-industrija tal-Komunità jridu jinstabu waqt l-IP. Sabiex jiġi stabbilit jekk din it-telf jeżistix, fost ħwejjeġ oħrajn, l-iżviluppi u t-tendenzi misjubin fis-snin qabel l-IP huma użati biss sabiex ikun hemm ftehim aħjar tar-riżultati li għandhom x'jaqsmu ma' l-IP. F'dan il-każ partikolari, minħabba li l-perjodu ta' l-investigazzjoni beda f'April ta' l-1998, kien konsidrat xieraq, sabiex tinkiseb stampa ċara ta' l-evoluzzjoni ta' l-indikaturi tat-telf, li jittieħed kont ta' mill-inqas tlett snin skond il-kalendarju (1995-1997) qabel l-IP. It-tieni, anke kieku is-sena 1996 kienet ittieħdet bħala s-sena ta' referenza, ir-riżultat ta' l-analiżi tat-telf ma kienx jinbidel. Bil-maqlub ta' dan, it-telf mġarrab mill-industrija tal-Komunità kienet tkun aktar evidenti fl-iżvilupp ta' ċertu indikaturi ta' telf bħall-profitti u l-ħażniet. L-indikaturi l-oħrajn tat-telf kienu jsegwu l-istess tendenza negattivi, bl-eċċezzjoni ta' l-investimenti, u tal-volum ta' produzzjoni, li madankollu ż-żieda tagħha wasslet għal ħażniet akbar.

(99) Għal dawn ir-raġunijiet l-argument ta' hawn fuq huwa rifjutat

2.3. **Konklużjoni dwar l-inkjesta**

(100) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-riżultati provisorji f'dak li għandu x'jaqsam mat-telf materjali li sofriet l-industrija tal-Komunità kif imniżżla fil-premessa 160 tar-Regolament provisorju, huma kkonfermati.

I. **KAWŻALITÀ**

1. ***Impatt ta' l-importazzjonijiet konċernati***

(101) Xi partijiet interessati qalu li l-istima tal-kawżalità kienet żbaljata minħabba li l-industrija tal-Komunità kienet kapaċi żżid il-prezzijiet tagħha waqt l-IIP, filwaqt li l-evoluzzjoni fil-produzzjoni u l-kapaċità ta produzzjoni, kif ukoll it-tnaqqis fl-impjiegi u n-nuqqas ta' qligħ kienu kawżati minn fatturi oħrajn mhux l-importazzjoni li kienet l-oġġett ta' *dumping*, jiġifieri, b'mod partikolari, id-deċiżjoni ta' l-industrija tal-Komunità li tirrazzjonalizza l-produzzjoni u n-neċessità li tħares l-i*standards* ambjentali ta' l-Ewropa. Barra minn hekk, parti interessata qajjmet dubju dwar ir-riżultati provisorji dwar l-egħluq ta' fabbrika ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli fil-Ġermanja, għax qalet li l-faċilitajiet ta' produzzjoni kienu fil-fatt rilokati fl-Awstrija u, għalhekk dan l-element ma setgħax jitqies bħala sinjal ta' telf mġarrab mill-industrija tal-Komunità.

(102) Bħala rimarka ġenerali għandu jiġi enfasizat illi t-telf mġarrab mill-industrija tal-Komunità jrid jiġi stimat b'referenza għall-IP. Is-snin ta' qabel u t-tendenzi stabbiliti matul dawn is-snin jispjegaw l-isfond li jenfasizza t-telf stabbilit. F'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura kurrenti, l-investigazzjoni stabbiliet illi l-industrija tal-Komunità ssottovalutat l-isforzi ta' ristrutturazzjoni fl-1995, bl-effett ta', u kif evidenzat bin-nuqqas fil-produzzjoni u fl-impjiegi, il-livell sinifikattiv ta' investiment u l-livell baxx ta' profitabilità f'dik is-sena partikolari. Ir-riżultati ta' dawn l-isforzi ta' ristrutturazzjoni bdew jimmaterjalizzaw ruħhom fl-1996 kif indikat miż-żieda fil-produzzjoni u r-riżultati finanzjarji aħjar (profitabilità tjiebet bi 3,6 punti perċentwali bejn l-1995 u l-1996). Madankollu, dawn ir-riżultati u l-benefiċċji l-oħrajn li kienu raġonevolment mistennijin li jiżdiedu għall-industrija tal-Komunità meta dawn l-isforzi ġew frustrati bl-iżviluppi fis-suq. Tabilħaqq mill-1996, il-volumi fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati bdew jiżdiedu u l-prezzijiet tagħhom bdew jonqsu, filwaqt li fl-istess ħin, l-industrija tal-Komunità bdiet issofri tnaqqis kontinwu fil-volum ta' bejgħ u s-sehem tagħha fis-suq, matul il-bqija ta' l-IIP. It-tnaqqis fil-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità kien ifisser żieda fil-ħażniet u tnaqqis fil-profitabilità tagħha, li, għalkemm żdiedet bejn l-1995 u l-1996, wara naqset bi 2,3 punti perċentwali bejn l-1996 u l-IP għal -9 %.

(103) F'dak li għandu x'jaqsam l-aktar ma' l-iżvilupp fil-prezzijiet ta' bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità, l-investigazzjoni wriet illi ż-żieda ta' 5 % bejn l-1995 u l-IP tal-medja tal-prezz ta' bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità ġara f'żewġ fażijiet, waħda bejn l-1995 u l-1996, meta s-suq kollu għadda minn żieda ġenerali fil-prezz, u t-tieni waħda bejn l-1997 u l-1998, meta l-industrija tal-Komunità u l-pajjiżi terzi l-oħrajn biss żiedu l-prezzijiet tagħhom, filwaqt li l-prezzijiet tal-pajjiżi konċernati l-oħrajn naqsu b'mod sinifikattiv. Dawn l-iżviluppi fil-prezz għandhom jidhru fid-dawl tal-fatt illi l-pressjoni fuq il-prezz ta' l-importazzjonijiet konċernati kellha impatt fuq il-volum tal-bejgħ u fuq l-ishma fis-suq ta' l-industrija tal-Komunità aktar milli fuq il-livell tal-prezz. Tabilħaqq, meta iffaċċjata bl-importazzjonijiet bi prezz baxx li joriġinaw mill-pajjiżi konċernati, l-industrija tal-Komunità kellha l-possibilità li jew iżżomm il-prezzijiet tagħha bir-riskju li titlef mis-sehem tagħha fis-suq, jew li ssegwi l-prezzijiet baxxi ta' l-importazzjoni li kienet l-oġġett ta' *dumping* bil-għan illi żżomm l-volumi ta' bejgħ. Iddeċidiet li żżomm il-prezzijiet tagħha, imma l-konsegwenzi fuq il-volum ta' bejgħ kellu impatt fuq il-profitabilità, li saret negattiva wara l-1996.

(104) It-tieni, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp fil-volumi tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, u b'mod partikolari l-aspett ta' l-eħluq ta' fabbrika fil-Ġermanja, l-investigazzjoni kkonfermat illi din il-fabbrika veru kienet għalqet fl-aħħar tas-sena 1995 u li l-faċilitajiet relatati ma kienux rilokati lejn l-Awstrija kif allegat minn waħda mill-partijiet. Fil-fatt kien biss parti żgħira tal-ħażna li kienet trasferita hemmhekk.

(105) Fuq il-bażi ta' dan, ir-riżultati kif deskritti fil-premessa 170 tar-Regolament provisorju huma kkonfermati.

2. ***Importazzjoni minn pajjiżi terzi***

(106) Xi partijiet interessati qajjmu dubju dwar ir-riżultati provisorji tal-Kummissjoni dwar l-effett fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità ta' l-importazzjoni tal-prodott taħt konsiderazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn, jiġifieri t-Turkija, il-Bulgarija u l-Polonja.

(107) Skond l-Eurostat, matul l-IIP, importazzjonijiet minn pajjiżi terzi naqsu fil-volum bejn wieħed u ieħor b'14 % filwaqt li l-ishma fis-suq naqsu bejn wieħed u ieħor b'punt persentaġġ wieħed. Il-prezzijiet żiedu b'medja ta' bejn wieħed u ieħor 15 % u kienu 17 % ogħla mill-prezzijiet medja ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati.

2.1. **It-Turkija**

(108) B'mod aktar speċifiku, f'dak li għandu x'jaqsam mat-Turkija, waqt l-IP il-medja tal-prezz ta' l-importazzjonijiet kien bejn wieħed u ieħor ta' 10 % ogħla mill-medja tal-prezz ta' l-importazzjonijiet konċernati u, matul l-IP, is-sehem fis-suq tagħha baqa' stabbli għal bejn wieħed u ieħor 1 % tal-konsum fil-Komunità.

2.2. **Il-Bulgarija**

(109) Għall-Bulgarija, għalkemm il-volumi ta' l-importazzjonijiet żiedu matul il-IIP minn 43 għal 1 109 tunnellata metrika, f'termini relattivi dawn l-importazzjonijiet ma kienux tali li jbiddlu l-konklużjonijiet fuq il-kawżalità bejn it-telf mġarrab mill-industrija tal-Komunità u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati: tabilħaqq, fl-IP, dawn kienu jirrappreżentaw 1,8 % tas-suq totali hekk kif komparat ma' sehem fis-suq ta' 28,6 % ta' l-importazzjonijiet konċernati. Barra minn hekk, matul l-IIP il-prezz tagħhom żdied bejn wieħed u ieħor bi 11 % u, fl-IP, kien madwar 5 % ogħla mill-medja tal-prezz ta' l-importazzjonijiet konċernati.

2.3. **Il-Polonja**

(110) F'dak li għandu x'jaqsam mal-Polojna, l-ishma fis-suq baqgħu sa ċertu punt stabbli matul l-IIP, u l-medja tal-prezz kienet madwar 27 % ogħla mill-medja tal-prezz ta' l-importazzjonijiet konċernati.

2.4. **Konklużjoni fuq pajjiżi terzi oħrajn**

(111) Fl-aħħar, wara dak li ntqal hawn fuq, anke jekk l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn setgħu ikkontribwew għat-telf materjali mġarrab mill-industrija tal-Komunità, qiegħed hawnhekk jiġi kkonfermat illi dawn ma kienux tali li jneħħu l-kawżalità bejn id-*dumping* u t-telf li nstab.

3. ***Effett tas-sostituzzjoni***

(112) Xi partijiet interessati qajjmu dubju dwar ir-riżultati provisorji fuq is-sostituzzjoni ta' l-aċċessorji għat-twaħħil magħmulin minn materjal bħar-ram u l-plastika għal dawk magħmulin minn ħadit fondut malleabbli u l-effett ta' din l-allegata sostituzzjoni fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(113) Din il-kwistjoni kienet investigata aktar u ġie kkonfermat illi fil-fatt is-sostituzzjoni tal-ħadid fondut b'materjali differenti, bħar-ram u l-plastika, saret l-aktar fis-snin 80. Wara, l-effett tas-sostituzzjoni naqas u l-użu ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli baqa' stabbli, b'mod partikolari għal dak l-użu fejn il-kapaċità li jdum tul ta' snin u r-resistenza kif ukoll saħħa speċifika għat-tensjoni u elongazzjoni huma neċessarji. Għalhekk, kull effett tas-sostituzzjoni ma setgħax kkontribwixxa b'mod sinifikanti għat-telf mġarrab mill-industrija tal-Komunità kif evidenzat mill-konsum relattivament stabbli stabbilit matul din l-investigazzjoni preżenti.

4. ***Konklużjoni fuq kawżalità.***

(114) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-riżultati provisorji kif deskritti fil-premessi 155 sa 170, tar-Regolament bażiku fuq kawżalità huma kkonfermati.

J. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

1. *Interess ta' l-utenti*

(115) Parti interessata qalet illi l-interess ta' l-industrija għall-protezzjoni min-nar ma kienx ġie ikkonsidrat.

(116) Għandu jiġi notat illi l-ebda utenti mill-industrija għall-protezzjoni min-nar ma ppreżentaw lilhom infushom matul l-investigazzjoni. Dan il-fatt jista' minnu nnifsu jiġi kkonsidrat bħala indikazzjoni li dan is-settur mhux interessat b'mod sinifikattiv dwar l-imposizzjoni jew le ta' miżuri kontra d-*dumping*. Din il-konklużjoni hija rinforzata bir-riżultati stabbiliti għal utenti li kkoperaw minn setturi oħrajn, li għalihom il-prodott taħt konsiderazzjoni jirrapreżenta madwar 1 % ta' l-ispejjeż totali tagħhom.

2. *Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità*

(117) Fin-nuqqas ta' informazzjoni ġdida dwar l-interess tal-Komunità u fuq il-bażi ta' fatti għad-disposizzjoni, ir-riżultati kif deskritti fil-premessi 171 sa 179 tar-Regolament provisorju huma kkonfermati.

K. MIŻURI DEFINITTIVI KONTRA D-*DUMPING*

1. *Livell ta' eliminazzjoni ta' telf*

(118) Sabiex jiħi stabbilit livell ta' miżuri definittivi li għandhom jiġu imposti, qiegħed hawnhekk jiġi kkonfermat illi il-prezzijiet ta' l-importazzjoni li hi l-oġġett ta' *dumping* għandhom jiġu miżjudin għal livell li ma jagħmilx telf. Fuq il-bażi tal-marġni ta' telf hekk stabbilit u tal-marġini ta' *dumping* misjubin, liema minnhom ikun l-inqas skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, wara li jiġi stabbilit il-livell ta' dazju. Fin-nuqqas ta' informazzjoni ġdida, il-metodoloġija wżata sabiex jiġi stabbilit il-marġni ta' telf hekk kif deskritt fil-premessa 181 tar-Regolament provisorju qiegħda hawnhekk tiġi kkonfermata.

2. *Il-Kroazja u l-Jugoslavja*

(119) Peress li l-ishma fis-suq instabu *de minimis* huwa propost illi ma jiġux imposti dazji kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet ta' aċċessorji għat-twaħħil malleabbli li joriġinaw mill-Kroazja u l-Jugoslavja u li jwaqqfu il-proċedura f'dak li għandu x'jaqsam ma' importazzjonijiet li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi.

3. *Dazji definittivi*

(120) Fid-dawl ta' dan, huwa kkonsidrat illi dazji definittivi kontra d-*dumping* għandhom jiġu imposti fuq importazzjonijiet li joriġinaw mill-bqija tal-pajjiżi konċernati.

(121) Għad-dazju residwu li għandu jiġi applikat lill-fabbrikanti u esportaturi li ma jikkoperawx, f'dawk il-każijiet meta l-livell ta' koperazzjoni kien għoli, id-dazju residwu kien magħmul fil-livell ta' l-ogħla dazju kontra d-*dumping* li kien magħmul għall-fabbrikanti u esportaturi li kkoperaw. F'dawk il-każijiet fejn il-livell ta' koperazzjoni kien baxx, id-dazju residwu kien magħmul fil-livell ta' l-ogħla marġni ta' *dumping* jew ta' telf li jkun instab għal sensiela ta' tipi esportati tal-fabbrikanti u esportaturi li kkoperaw, liema minnhom kien l-ibaxx.

(122) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati definittivi ta' dazju proposti, espressi bħala persentaġġ tal-prezz fil-fruntiera cif, id-dazji doganali li ma tħallsux, huma kif ġej:

Pajjiż	Kumpannija	Dazju definittiv (%)
Il-Brażil	Indústria de Fundição Tupy Ltda	34,8
	Oħrajn	34,8
Ir-Repubblika Ċeka	Moravské Zelezárny a.s.	26,1
	Oħrajn	26,1

Pajjiż	Kumpannija	Dazju definittiv (%)
Il-Ġappun	Hitachi Metals Ltd	26,9
	Oħrajn	33,6
Repubblika tal-Korea	Yeong Hwa Metal Co. Ltd	13,4
	Oħrajn	23,4
It-Tajlandja	BIS Pipe Fitting Industry Company Ltd	22,1
	Siam Fittings Co. Ltd	12,4
	Thai Malleable Iron & Steel Co. Ltd	6,3
	Oħrajn	22,1
Ċina	Il-Kumpanniji kollha	49,4

(123) Kull pretensjoni għat-talba ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju kontra d-*dumping* għall-kumpanniji individwali (eżempju wara l-bidla fl-isem ta' l-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda għall-fabbrikazzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni [1], immedjatament bl-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari kull bidla fl-attivitajiet tal-kumpannija li għandhom x'jaqsmu ma' produzzjoni, bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', per eżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, għandha, wara konsulatzzjoni mal-Kumitat ta' Konsulenza, hekk temenda ir-Regolament billi taġġorna l-lista tal-kumpanniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

4. ***Garanziji***

(124) Jiġi mfakkar illi l-fabbrikant u esportatur fir-Repubblika Ċeka offra garanzija fuq il-prezz skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. Sussegwentement għall-imposizzjoni ta' miżuri provisorji kontra d-*dumping*, anke l-fabbrikant fil-Korea u wieħed mill-fabbrikanti u esportaturi mit-Tajlandja offrew garanziji fuq il-prezz skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Bażiku. Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-garanziji offerti jistgħu jiġu aċċettati minħabba li jeliminaw l-effett ta' ħsara tad-*dumping*. Barra minn hekk, ir-rapporti regolari u dettaljati li l-kumpanniji wegħdu li jipprovvdu lill-Kummissjoni jippermettu superviżjoni effettiva. Aktar minn hekk, l-istruttura tal-bejgħ ta' dawn l-esportaturi hi tali li l-Kummissjoni tħoss li r-riskju li l-garanzija offruta tiġi evitata huwa żgħir.

(125) Il-fabbrikant u esportatur Ġappuniż ukoll għamel proposti sabiex joffri garanzija. Madankollu, il-livell ta' koperazzjoni ta' din il-kumpannija matul l-investigazzjoni, u l-preċiżjoni fid-data provduta kienet fqira u d-data mhux ta' min joqgħod fuqha (Ara l-premessa 21). Għalhekk il-Kummissjoni ma kinietx sodisfatta illi garanzija minn din il-kumpannija setgħet tiġi sorveljata b'mod effikaċi. Barra min hekk, l-istruttua tas-settur tal-bejgħ esportat tal-kumpannija, b'iktar minn importatur relatat wieħed involut, kien ikkunsidrat li jgħolli ir-riskju li taħrab mill-garanzija.

[1] Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Direttorat C
DEM 24 8/38
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B - 1049 Bruxelles/Brussel.

(126) Sabiex jiġi żgurat rispett effettiv u superviżjoni tal-garanziji, meta d-domanda għall-permess għal ċirkolazzjoni ħielsa wara li tingħata l-garanzija tkun preżentata, eżenzjoni mid-dazju hija kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' fattura valida tal-garanzija lis-servizzi doganali ta' l-Istat Membru relevanti li tkun maħruġa mill-fabbrikanti u esportaturi li mingħandhom il-garanziji jkunu ġew aċċettati u li jkun fihom l-informazzjoni imniżżla fl-Anness. Meta din il-fattura ma tkunx ġiet preżentata jew ma tikkorrispondix għall-prodott preżentat lis-servizzi doganali, r-rata approprjata ta' dazju kontra d-*dumping* għandha tiġi mħallsa sabiex jiġi evitat li l-garanziji jiġu maħrubin.

(127) F'każ ta' ksur jew irtitrar tal-garanzija dazju kontra d-*dumping* jista' jiġi impost, skond l-Artikoli 8(9) u 10 tar-Regolament bażiku,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. 1. Dazju definittiv kontra d-*dumping* huwa hawnhekk impost fuq importazzjonijiet ta' tubi jew aċċessorji għat-twaħħil ta' kanen tal-ħadid fondut bil-kamin u malleabbli, li jaqgħu taħt l-kodiċi NM ex 7307 19 10 (kodiċi TARIC 7307 19 10 10) u li joriġinaw mill-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajlandja.

2. Ir-rata tad-dazju definittiv kontra d-*dumping* li tapplika għall-prezz nett ħieles-fil-frontiera-tal-Komunità, qabel id-dazju għandha tkun kif ġej għall-prodotti li joriġinaw mill-:

Pajjiż	Dazju Definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-Brażil	34,8	—
Ir-Repubblika Ċeka	26,1	A999
Il-Ġappun	33,6	A999
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	49,4	—
Ir-Repubblika tal-Korea	23,4	A999
It-Tajlandja	22,1	A999

3. Dawn ir-rati ta' hawn fuq ma japplikawx għall-prodotti fabbrikati mill-kumpannijji mniżżlin hawn taħt, li huma suġġetti għar-rati ta' dazju kontra d-*dumping* li ġejjin:

Pajjiż	Kumpannija	Dazju definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-Ġappun	Hitachi Metals Ltd Seavans North 2-1, Shibaura 1-Chome Minato-Ku Tokyo 105-8614 Il-Ġappun	26,9	A092
Ir-Repubblika tal-Korea	Yeong Hwa Metal Co Ltd 363-6, Namyang-dong, Chinhae, Kyongman Repubblika tal-Korea	13,4	A093

Pajjiż	Kumpannija	Dazju definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
It-Tajlandja	BIS Pipe Fitting Industry Co Ltd 107 Moo 4, Petchkasem Rd., Omnoi, Kratumban Samutsakorn 74130 It-Tajlandja	22,1	A094
	Siam Fittings Co. Ltd 100/1-100/2, Moo 2, Settakit 1 Road, Omnoi, Krathumban Samutsakorn 74130 It-Tajlandja	12,4	A095
	Thai Malleable Iron & Steel Co. Ltd 469/19 Rama III Road, Yannawa, Bangkok 10120 It-Tajlandja	6,3	A096

4. Minkejja l-Artikolu 1(1), id-dazju definittiv m'għandux japplika għal importazzjoni li għandhom ċirkolazzjoni ħielsa skon id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

5. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, id-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

1. Importazzjonijiet għandhom ikunu eżenti mid-dazji kontra d-*dumping* imposti mill-Artikolu 1 sakemm dawn ikunu fabbrikati u mibjugħin għall-esportazzjoni lill-Komunità mill-kumpanniji imsemmijin fil-paragrafu 3, dikjarati taħt l-kodiċi addizzjonali TARIC appropjat u li l-kondizzjonijiet mniżżlin fil-paragrafu 2 ikunu rispettati.

2. Meta t-talba għall-ħelsien għal ċirkolazzjoni ħielsa tkun preżentata, eżenzjoni mid-dazji għandha tkun kondizjonali fuq il-preżentazzjoni lis-servizzi doganali kompetenti ta' l-Istat Membru ta' "Fattura tal-Garanzija" valida maħruġa mill-kumpanniji li jesportaw msemmijin fil-paragrafu 3 u li jkun fiha l-elementi essenzali msemmijin fl-Anness għal dan ir-Regolament. Eżenzjoni mid-dazju għandha tkun kondizjonali wkoll fuq il-merkanzija dikjarata u preżentata lid-dwana li tikkorrispondi preċiżament mad-deskrizzjoni fil-"Fattura tal-Garanzija".

3. Importazzjonijiet akkumpanjati b' "Fattura tal-Garanzija" għandhom jiġu dikjarati taħt il-kodiċi TARIC addizzjonali li ġejjin:

Kumpannija	Pajjiż	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika Ċeka	Moravské Zelezárny a.s. Repcinska 86 77900 Olomouc 9 Ir-Repubblika Ċeka	A097
Ir-Repubblika tal-Korea	Yeong Hwa Metal Co. Ltd 363-6, Namyang-dong, Chinhae Kyongman Korea	A093
It-Tajlandja	BIS Pipe Fitting Industry Co. Ltd 107 Moo 4, Petchkasem Rd., Omnoi, Kratumban Samutsakorn 74130 It-Tajlandja	A094

Artikolu 3

L-ammonti garantiti permezz ta' dazji provisorji kontra d-*dumping* skond ir-Regolament (KE) Nru 449/2000 għandhom jiġu miġburin bir-rata ta' dazju definittivament imposta. Ammonti garantiti li jeċċedu r-rata definittiva tad-dazju kontra d-*dumping* għandhom jiġu meħlusin. Fejn id-dazji definittivi huma aktar għoljin mid-dazji provisorji, l-ammonti garantiti fil-livell tad-dazji provisorji biss għandhom jiġu miġburin definittivament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Awissu 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

H. VÉDRINE

ANNESS

Elementi li għandhom jiġu indikati fil-fattura tal-garanzija msemmijja fl-Artikolu 2(2):

1. Il-kodiċi addizzjonali Taric li taħtu l-merkanzija fil-fattura tista' tiġi cleared mid-dwana fil-frontieri tal-Komunità (kif speċifikat fir-Regolament),

2. Id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, inkluż:

   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott rapportat (PRC) (kif stabbilit fil-garanzija provduta mill-fabbrikant u esportatur partikolari), inkluż in-numru tat-tip, dijamentru, u s-superfiċje,

   — kodiċi NM,

   — kwantità (li għandha tingħata f'unitiajiet),

3. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, inkluż:

   — prezzijiet per unità,

   — it-termini ta' ħlas applikabbli,

   — it-termini tal-konsenja applikabbli,

   — skonti totali u ħlas lura,

4. Isem ta' l-importatur mhux relatat li fuqu l-kumpannija tkun ħarġet il-fattura,

5. L-isem ta' l-uffiċċjal tal-kumpannija li jkun ħareġ il-fattura tal-garanzija u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

   "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika illi l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lill-Komunità Ewropea tal-merkanzija msemmijja f'din il-fattura qiegħed isir fl-ambitu u taħt it-termini tal-garanzija provduta minn……, (kumpannija), u aċċettata mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-Regolament (KE) Nru 449/2000 jew d-Deċiżjoni K(2000) 2452. Jien niddikkjara illi l-informazzjoni provvduta f'din il-fattura hija kompleta u korretta."